# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala,Malta
Tel:21637171, Fax:21637744
E-mail: marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **23** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tnejn 21 ta' Lulju 2014 fis-7.30pm**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Sandro Gatt |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

## *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 22
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet
5. Mistoqsijiet
6. Mozzjonijiet
7. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera
8. Aġġornament

Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree Attard

Councillors
John B.Camilleri
Charlot Mifsud
Charlot Cassar
Elizabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

- *Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi hemm problema teknika li qed jipruvaw jirrenġawa fuq l-online streaming u għaldaqstant din is-seduta ma tistax tiġi strimjata.*

- *Is-Sindku talab sospenzjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi żewġ punti li hemm fil-komunikazzjoni peress illi l-persuni kkonċernati kienu preżenti.*

3.0 **<u>Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill:</u>**

3.1 **<u>Diskussjoni mal-Wasteserv rigward varjazzjonijiet proposti fil-ħinijiet ta' l-operat tal-Kunsill:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li konna tlabna lis-Sur Montebello tal-Wasteserv sabiex ikun preżenti għal laqgħa iżda ma ġiex.

Is-Sindku wieġbu illi s-Sur Montebello ġie għal laqgħa fis-6.00pm iżda peress illi li mexxejna il-ħin tal-laqgħa lilhu ma nfurmajniehx u ma setgħax jiġi ħin ieħor minħabba mpenji oħra.

Is-Sindku preżenta lis-Sur Jonathan Henwood rappreżentant tal-Mepa sabiex jispjegalna rigward l-estensjoni tal-ħinijiet li qed tintalab min-naħa tal-Wasteserv. Is-Sur Jonathan Henwood spjega illi huwa ser jieħu nota tas-suġġerimenti u l-kummenti li ser jissottomettu l-Kunsilliera sabiex imbgħad ikun jista jippreżenthom quddiem il-bord tal-MEPA.

Is-Sur Johnathan Henwood spjega illi skond il-permessi li għandhom fil-preżent l-operat tal-Wasteserv jaħdem is-siegħat skond din it-tabella imniżla hawn taħt.

| Specified waste management operatins | Permitted hours |
|---|---|
| Monday to Friday | 06:30hrs – 22:30hrs |
| Saturday | 07:00hrs – 19:00hrs |
| Sunday and Public holiday | 08:00hrs – 18:00hrs<br>(in case of emergency only) |

Is-Sur Henwood kompla jispjega illi l-Wasteserv qed titlob sabiex jitjieb l-operat ta' dan l-impjant il-ħinijiet ta' dan l-impjant jiġi estiż skond it-tabella ta' hawn taħt.

| Specified waste management operatins | Permitted hours |
|---|---|
| Meterials Recovery Facility/Dry Mechanical Treatment Plant – under normal operational circumstances Monday to Sunday | 06:30hrs – 22:30hrs |
| Materials Recovery Facility/Dry Mechanical Treatment Plant – In emergency situtations Monday to Sunday | Opening hours to be extended to 24:00hrs |
| Wet Mechanical Treatment Palnt / Anaerobic Digestion Plant Monday to Sunday | 24hrs |
| Loading of recyclables into containers for export Monday to Saturday | 07:00hrs – 18:00hrs |
| Maintenance and cleaning under normal circumstnces Monday to Sunday | 22:30hrs – 06:30hrs |
| Waste Acceptance (no change)<br>Monday to Friday<br>Saturday | <br>06:30hrs – 22:30hrs<br>07:00hrs – 19:00hrs |

Is-Sindku staqsa jekk b'dan it-tibdil hux ser jkun hemm aktar ħsejjes u rwejjaħ.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri saqsa *x'noise emmission* hemm.

Is-Sur Johnathan Henwood qal illi bl-amment ma jistax jirrispondi iżda kellhom iqabbdu lil xi ħadd sabiex jimmoniterja n-*noise emmission.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li għandu jsir studju tal-livelli tal-ħsejjes minn filgħodu sa filgħaxija.

Ġie nnotat illi fis-sajf l-ilmenti jiżdiedu rigward rwejjaħ u ħsejjes.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-iskart li qed jinġabar barra sakemm jiġi transportat għandu jinżamm ġo *containers* kemm minħabba l-irwejjaħ u anke għax viżwalment ikerraħ l-ambjent.

Is-Sindku qal illi jekk isir *hoarding* tkun qed telimina l-problema peress li l-munzelli ma jibqgħux jidhru minn barra.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi bil-*hoarding* mhux ser telimina l-problema tal-irwejjaħ għalhekk ikun aktar aħjar illi l-plastik seperat jinżamm ġo *containers.*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jekk ser issir il-manutenzjoni iktar frekwenti ser tonqos il-problema tal-irwejjaħ iżda ser jiżdied l-istorbju.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-ewwel għandu jsir studju fuq il-ħsejjes u l-irwejjaħ u anke għanda tiġi indentifikata u tingħata definizzjoni iktar ċara dwar x'inhi l-emerġenza msemmija fil-proposti.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li għandna nipressaw sabiex jkollna moniteraġġ tal-ħsejjes fil-preżent u b'hekk inkunu naf jekk dan it-tibdil hux ser jservi għal għar jew aħjar.

Is-Sur Johnathan Henwood issuġġerixxa illi apparti s-suġġerimenti tagħna għandna nitolbu lill-MEPA sabiex d-deċiżjoni finali tkun pubblika.

Is-Sur Johnathan Henwood qal li sa Lulju 2015 dan l-impjant jrid ikollu l-*IPPC permits* biex jiġu inregola mal-istandards tal-EU. Huwa kompla jgħid illi hemm xi affarijiet diffiċli li teliminhom iżda b'investiment tajjeb tista ttejibhom, dejjem jiddependi l-ammont ta' kemm ser jiġi investit.

Il-Kunsill qabel unanimament illi aħna ma naqblux ma kif kemm jaħdem l-operat bħal issa, iktar u iktar jekk jiżiedu il-ħinijiet. Il-Kunsill qabel ukoll illi għandna nkunu nafu b'kull tibdil li jkun ser jiġi implimentat u li nkunu ikkupjati f'kull korrispondenza.

Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Jonathan Henwood tal-assistenza tiegħu.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fit-8.10pm***

3.2 **Talba għar-rifużjoni ta' danni fuq inċident stradali li sar fi Triq il-Qaliet sottomessa minn Daniel Borg:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spejga illi s-Sur Borg qiegħed hawn preżenti rigward inċident li kellu fi Triq il-Qaliet fejn is-Sur Borg ġabilna l-informazzjoni kollha neċessarja inkluż rapport tal-gwardjani lokali u tal-puluzija.

Is-Sur Borg qal illi kien għaddej bil-mutur tiegħu fi Triq il-Qaliet, fejn kien hemm ħofra illi ma setgħax jiskapula u waqa bil-mutur. Huwa żied jgħid illi meta waqa, huwa żgidja ġo karozza li kienet ipparkjata fejn ġarbilha xi ħsarat ukoll. Għaldaqstant huwa ġab l-istimi ta' kemm ser tiswijom sabiex isewwu l-mutur u l-karozza, liema stima ser tiswa €497.36 għaż-żewġ vetturi.

Is-Sindku staqsa lis-Sur Borg kif inhu nxurjat.

Is-Sur Borg wieġbu lli hu nxurjat taħt *third party.*

Is-Sindu qal illi huwa tal-opinjoni illi peress li hemm vettura oħra nvoluta allura dan mhux bħal meta kellna klejms oħra fil-passat, la hemm l-*insurance* għandu jiftaħ klejm ma l-*insurance*.

Is-Sur Borg qal li li diġa tkellem mal-*insurance* fejn qalulu illi hemm żewġ opzjonijiet jew dawn id-danni jitħalsu mill-Kunsill mingħajr ma tinfetaħ klejm jew inkella trid tinfetaħ il-klejm. Huwa kopla jgħid illi jekk ser jiftaħ il-klejm hu, ser jkun qed jammetti illi kien tort tiegħu u huwa jħoss li dan l-inċident ma sarx bi traskuraġni tiegħu iżda għax kien hemm ħofra. Huwa kompla jispjega illi jekk ser jiftaħ il-klejm ser jkollu jħallas l'*excess* u ser tgħolilu l-*insurance* is-sena d-dieħla peress li jitlef in-*no claim bonus*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsieh kemm għandu *no claim bonus*.

Is-Sur Borg wieġbu li din hija l-ewwel sena li għandu n-*no claim bonus* fuq il-mutur, jiġifieri għandu madwar 10%.

Is-Sindku qal illi jekk inħallsu 70% tas-somma mitluba cioe` €497.36 tiġi s-somma ta' €348 u hekk inkunu qed inkopru d-danni fuq iż-żewġ vetturi nvoluti.

Il-Kunsill qabel unanimament illi titħallas is-somma massima ta' €348, tali ammont inħadem fuq 70% ta' €497.36 li hija skond l-istima provduta mis-Sur Borg, filwaqt illi tiġi iffirmata dikjarazzjoni bejn iż-żewġ partijiet flimkien mal-Kunsill illi qed isir qbil illi jaċċettaw l-ammont ta' €348 għad-danni u li l-Kunsill ikun eżonerat minn kwalunkwe talba oħra fuq dan l-inċident. Fil-każ li r-riċevuti juru inqas, il-Kunsill iħallas 70% tar-riċevuta provduta.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal-laqgħa fis-9.00pm***

1.0 **Qari w approvazzjoni tal-Minuti:**

1.1 **Laqgħa Nru 22(1) tas-27 ta' Ġunju 2014:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni illi kemm ismu u kemm l-isem tal-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar mhux imniżżla fl-ewwel paġna tal-Kunsilliera illi kienu preżenti għal-laqgħa.

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni illi paġna 2 artiklu 1.1.2 it-tielet paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma lill-Kunsilliera fuq paġna 3 artiklu nru 2.1.4. Huwa spjega illi hu kien ikkomunika mal-P.R.O tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna sabiex jitkellmu. Il-P.R.O kien qallu mill-ewwel illi jekk l-ammont ser jkun inqas minn €1500 allura ma hemmx diskussjonijiet x'jisiru."*

1.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ġibed l-attenzjoni illi paġna 8 artiklu 3.11 ir-raba paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi anke kif qedgħin b'għoli ta' ħames sulari, għandna problema bid-dlam kollu li jaqa minn wara nofsinhar, kif ukoll nuqqas ta' parkeġġ".*

1.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Charot Cassar qal illi huwa kien tkellem fuq il-parkeġġi ta' Triq il-Ħortan u ma ġewx imniżżla fil-minuti. Għaldaqstant dan il-paragrafu ser jitniżżel f'paġna 9 taħt il-komunikazzjoni paragrafu 3.15 u ser jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk il-parkeġġi li hemm fi Triq il-Ħortan humiex skond l-istandards ta' TMalta".*

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier s-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 1 astensjoni mill-Kunsillier is-sur Sandro Gatt peress illi ma kienx preżenti fis-seduta.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 **<u>Punti li joħorġu mill-Minuti:</u>**

2.1 **<u>Laqgħa Nru 22(1) tas-27 ta' Ġunju 2014:</u>**

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna nru.8 paragrafu 3.12 jekk sarx xi ħaġa fuq dan il-każ.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri wieġbu illi kien ltaqa mas-sid u rappreżentant mill-Enemalta fejn saru arranġamenti sabiex jinqala l-arblu, u l-kaxxa titwaħħal mal-ħajt.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri nforma lill-Kunsilliera illi l-lezzjonijiet li jmiss taz-zumba ser jsir fil-*waterpolo pitch* u mhux fil-klabb tal-boċċi kif kien ġie mgħarref il-Kunsill fis-seduta preċedenti.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi rigward paġna 4 paragrafu 3.2, fir-rigward tal-eks Jerma kienet ġiet sottomess applikazzjoni PA 3636/08, li kienet saret fl-2008 u l-permess kien għat-twaqqih, bini ta' lukanda 5 star u postijet residenzjali. Huwa staqsa illi jekk il-Kunsill ta' dak iż-żmien kienx għamel oġġezzjoni, għaliex jekk ma sarietx oġġezzjoni dak iż-żmien, issa fil-preżent il-Kunsill ma jistax joġġezzjona.

Is-Sindku wieġbu illi wisq probabli dak iż-żmien il-Kunsill ma kienx oġġezjona biex titwaqqa u terġa tinbena lukanda.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ħareġ mill-laqgħa fid-9.30pm***

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk għandiex risposta fuq paragrafu #7.2 ta' paġna 10

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ma għandiex risposta.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa x'deċiżjoni ser titieħed fuq paragrafu 7.3 ta' paġna 11 rigward id-dawl ornamentali. Huwa kompla jispjega illi huwa tal-opinjoni illi jinbdilu urġentament id-dawl preżenti ta' Triq La Sengle peress li huwa ta' periklu u qed jagħmel ħsara lid-djar u wara noħorġu *tender* għal Triq San Gwakkin, Triq Santa Tereża u Triq il-Knisja. Huwa kompla jispjega li m'hemmx għalfejn noħorġu sejħa għall-offerti jew kwotazzjoni għad-dawl fi Triq La Sengle minħabba li fit-*tender* preżenti hemm ir-rati għal dan ix-xogħol.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nixtru erba fanali u jinbidlu ta' Triq La Sengle ~~mill-Muzew sal-aħħar ta' Triq La Sengle~~. mal-bidu ta' Triq La Sengle sal-Muzew

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi rigward paġna 3 paragrafu #2.1.4 bdew jerġu jitkellmu rigward il-possibilta` li jsiru korsijiet tal-*first aid*.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ħareġ mill-laqgħa fl-9.40pm***

3.0 **_Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill:_**

3.3 **Proposta mil-FarmAdvisory Consortium għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala (35/3292/14/I):**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi jkun aħjar illi nistiednuhom għal laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex jkunu jistgħu jispjegaw aħjar.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nistidnuhom għal-laqgħa li jmiss.

3.4 **Korrispondenza mis-Sur Alex Cutajar tas-Summer Nights bħala risposta għall-ittra tas-Sur Reuben Buttigieg (35/3707/14/I)(35/3708/14/I):**

Il-Kunsilliera qraw il-kontenut ta' din l-ittra u jħossu li din il-kwistjoni hija bejn is-sidien tal-ħwienet u dik li darba kienet assoċċjazzjoni.

3.5 **Tisbieħ fil-Bajja San Tumas, ittra mill-Għaqda Bajja ta' San Tumas (35/3651/14/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera bil-kontenut ta' din l-ittra u qal li jkun aħjar illi ssir laqgħa magħhom.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.6 **Programm Aqra miegħi (35/3627/14/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi dan il-programm ser jsir fl-iskola.

Is-Sindku qal illi l-librara qed titlob sabiex iżid il-ħin tal-ftuħ tal-librerija.

Il-Kunsill qabel unanimament illi inżidu l-ħin tal-ftuħ tal-librerija liema ħin ta' ftuħ żejjed għad irid jiġi stabbilit.

3.7 **Bżonn ta' spazju sabiex l-appart tal-logħob minn JGC jitqiegħed f'garaxx:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsilliera li meta rbaħna l-appell kontra l-*Projekte Global Ltd* l-*Public Contracts Review Board* kienu qalulna illi nistgħu nipproċedu bl-iffirmar tal-kuntratt u għaldaqstant JGC għamel l-ordni ta' parti mill-apparat tal-logħob u dan peress li kien hemm ir-riskju li ma nżommux mad-deadlines u nitilfu l-fondi. Huwa kompla jispjega illi peress illi l-każ issa qiegħed il-qorti allura JGC kellu jikkanċella l-appart iżda apparat minnhom ma setax jikkanċellaħ u għaldaqstant għandna bżonn li nsibu garaxx għaliex JGC ma għandhomx fejn iżommuh.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jaf persuna illi għandu *container* u ser jistaqsih jekk jistax jselfilna dan il-kontenjer vojt biex l-appart jitqiegħed fih.

3.8 **Triq La Sengle:**

Is-Sindku qal illi x-xogħol fi Triq La Sengle ilu minn nhar is-Sibt wieqaf u kien kellem lill-Perit Aaron Abela fejn infurmah illi hemm bżonn li jsir is-*cement stabilisation* li ser jiġi jiswa madwar €6000.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsir is-*cement stabilisation*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk kellniex risposta min-naħa tal-Ministeru jekk hux ser niġu rimborsati parti mill-ispejjeż għal din it-triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi mhux ser jkollna rimbors.

3.9 **Extenzjoni tal-kuntratt tar-Road Maintenance Ltd:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan il-kuntrattur talab sabiex issir estenzjoni tal-kuntratt bi 30 ġurnata minħabba l-intoppi li nqalgħu waqt dan ix-xogħol u b'konsegwenza ta' dan mhux ser jlaħħaq jlesti ix-xogħol fiż-żmien stipolat. Huwa kopla jgħid illi irridu nġibu l-permess min-naħa tal-*managing authority*.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għalkemm id-deċiżjoni finali ser tittieħed mil-*Managing Authority*.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi pagament #1471 tal-iskeda tal-pagamenti #22 ġie kkanċellat.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri rigward il-konsum tad-*diesel* tal-vann tal-Kunsill jekk iċċekjaniex fuqu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li ġieli ra il-vann tal-Kunsill misjuq wara nofs in-nhar ġewwa *Bulebel*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qed jieħu *r-reading qabel* ma għad-diesel u meta wieħed jikkompara kemm jkunu għamlu *mileage* għal-ammont li ntefa *diesel* wieħed jaqbel, pero` il-moniteraġġ u r-readings se jkun proċess kontinwu.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta żewġ kontijiet tal-Perit Aaron Abela għall-approvazzjoni.

1) Invoice MSK 71 bl-ammont ta' €450.00
2) Invoice MSK 70 bl-ammont ta' €2692.61

Il-Kunsill qabel unanimament illi jitħalsu dawn il-pagamenti.

**Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ppropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Elisabeth Cassar issekondiet.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

5.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

6.0 ***Mozzjonijiet:***

6.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Daniel Spiteri (#076-15/7/14):**

*"Jipproponi illi l-ħarruba illi tinsab eżatt mal-ġenb tal-pitch tal-futbol tal-iskola tiġi rilokata iktar 'il fuq lejn il-batterija taż-Żonqor, fejn hemm iktar siġar tal-ħarrub. Dan għaliex din il-ħarruba qed isservi ta' lqugħ għal xi nies illi qed jagħmlu abbużi taħtha. Ma naħsibx illi hija ħaġa xierqa illi jkun hemm lok għal tali abbużi eżatt ma' ġenb tal-grawnds tal-iskola fejn tant tfal jattendu u jipprattikaw l-isport b'mod regolari tul is-sena kollha".*

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lill-MEPA sabiex tiġi rilokata l-ħarruba.

6.2 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#077-21/7/14):**

*"Jipproponi illi peress li issa ħafna manutenzjoni tal-bankini qed issir minn naħa tal-ħaddiema tal-IPSL, tinxtara electric mixer żgħir tal-konkos biex apparti li x-xogħol isir aħjar, innaqsu ftit mit-tbatija wkoll".*

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jinxtara l-*electric mixer*.

6.3 **Mozzjoni mresssqa mill-Kunsillier- is-Sur Charlot Mifsud (#078 – 21/7/14):**

*"Jipproponi biex il-bankini tan-naħa tal-kappella fi Triq iż-Żonqor issirilhom manutenzjoni għaliex qed issirilha ħsara bit-tyres tal-karozzi".*

Din il-mozzjoni ser titressaq għal-laqgħa li jmiss peress illi l-Kunsillier li ressaq din il-mozzjoni ma kienx għadu preżenti waqt din is-seduta.

6.4 **Mozzjoni mresssqa mill-Kunsillier- is-Sur Charlot Mifsud (#079 – 21/7/14):**

*" Jipproponi biex isir lqugħ qabel ma taqbad it-telgħa tal-Bidni peress illi hu perikoluż u wieġed jista jaqa għal ġol-ġibjun".*

Din il-mozzjoni ser titressaq għal-laqgħa li jmiss peress illi l-Kunsillier li ressaq din il-mozzjoni ma kienx preżenti waqt din is-seduta.

7.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

Is-Sindku nforma lill-Kunsillier illi l-Ġimgħa l-1 ta' Awissu 2014 mit-8 ta' fil-għaxija l'quddiem ser issir serata ta' għana fejn il-klabb tal-boċċi.

8.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-10.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 18 ta' Awissu 2014 fis-6.00p.m

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku